7.6.2021

B9-0306/2021 }
B9-0307/2021 }
B9-0309/2021 }
B9-0311/2021 } RC1/Am. 24

**Emenda 24**

**Manon Aubry, Marc Botenga, Kateřina Konečná, Dimitrios Papadimoulis, Marisa Matias, João Ferreira, Helmut Scholz**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE**
L-indirizzar tal-isfida globali tal-COVID-19: l-effetti tad-deroga mill-Ftehim TRIPS tad-WTO fuq il-vaċċini, it-trattament u t-tagħmir għall-COVID-19 u fuq iż-żieda fil-kapaċità ta' produzzjoni u ta' manifattura fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Kunsiderazzjoni 12a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Mejju 2021 dwar l-aċċellerazzjoni tal-progress u l-indirizzar tal-inugwaljanzi biex, sal-2030, l-AIDS ma jibqax theddida għas-saħħa pubblika[1a],*** |
| | ***[1a] Testi adottati, P9_TA(2021)0250.*** |

Or. en

**Emenda 25**
**Marc Botenga, Kateřina Konečná, Manon Aubry, Marisa Matias, João Ferreira**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE**
L-indirizzar tal-isfida globali tal-COVID-19: l-effetti tad-deroga mill-Ftehim TRIPS tad-WTO fuq il-vaċċini, it-trattament u t-tagħmir għall-COVID-19 u fuq iż-żieda fil-kapaċità ta' produzzjoni u ta' manifattura fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa Ba (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ba. billi d-Dikjarazzjoni dwar il-Ftehim TRIPS u dwar is-Saħħa Pubblika, adottata fl-14 ta' Novembru 2001, tgħid li l-Ftehim TRIPS għandu jiġi implimentat u interpretat b'mod li jkun tajjeb għas-saħħa pubblika – li jinkoraġġixxi kemm l-aċċess għall-mediċini eżistenti kif ukoll l-iżvilupp ta' mediċini ġodda; billi l-Kunsill TRIPS tad-WTO ddeċieda fis-6 ta' Novembru 2015 li jestendi d-deroga għall-privattiva tal-mediċini għall-pajjiżi l-anqas żviluppati (LDCs) sa Jannar 2033;*** |

Or. en

7.6.2021

B9-0306/2021 }
B9-0307/2021 }
B9-0309/2021 }
B9-0311/2021 } RC1/Am. 26

**Emenda 26**
**Marc Botenga, Kateřina Konečná, Manon Aubry, Marisa Matias, João Ferreira**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE**
L-indirizzar tal-isfida globali tal-COVID-19: l-effetti tad-deroga mill-Ftehim TRIPS tad-WTO fuq il-vaċċini, it-trattament u t-tagħmir għall-COVID-19 u fuq iż-żieda fil-kapaċità ta' produzzjoni u ta' manifattura fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa Bb (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Bb. billi aktar minn 200 000 ċittadin tal-UE diġà appoġġaw l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej "l-ebda profitt fuq il-pandemija", li għandha l-għan li tagħmel il-vaċċini u t-trattamenti kontra l-pandemija ben pubbliku globali, aċċessibbli għal kulħadd mingħajr ħlas;*** |

Or. en

7.6.2021 B9-0306/2021 }
B9-0307/2021 }
B9-0309/2021 }
B9-0311/2021 } RC1/Am. 27

**Emenda 27**
**Marc Botenga, Kateřina Konečná, Manon Aubry, Marisa Matias, João Ferreira**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE**
L-indirizzar tal-isfida globali tal-COVID-19: l-effetti tad-deroga mill-Ftehim TRIPS tad-WTO fuq il-vaċċini, it-trattament u t-tagħmir għall-COVID-19 u fuq iż-żieda fil-kapaċità ta' produzzjoni u ta' manifattura fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| F. billi ġew investiti ammonti enormi ta' fondi u riżorsi pubbliċi u privati fir-riċerka u fl-iżvilupp, fil-provi kliniċi u fl-akkwist sabiex jiġu żviluppati vaċċini u trattamenti għall-COVID-19 b'mod miftuħ u aċċessibbli; billi r-riċerka tas-settur pubbliku u privat, l-istituzzjonijiet tas-saħħa, il-ħaddiema tal-ewwel linja, ix-xjenzati, ir-riċerkaturi u l-pazjenti kollha ġabru informazzjoni dwar il-virus, li l-kumpaniji farmaċewtiċi użaw; | F. billi ġew investiti ammonti enormi ta' fondi u riżorsi pubbliċi u privati fir-riċerka u fl-iżvilupp, fil-provi kliniċi u fl-akkwist sabiex jiġu żviluppati vaċċini u trattamenti għall-COVID-19 b'mod miftuħ u aċċessibbli; billi r-riċerka tas-settur pubbliku u privat, l-istituzzjonijiet tas-saħħa, il-ħaddiema tal-ewwel linja, ix-xjenzati, ir-riċerkaturi u l-pazjenti kollha ġabru informazzjoni dwar il-virus, li l-kumpaniji farmaċewtiċi użaw; ***jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li r-riżultati tar-riċerka ffinanzjata kompletament jew parzjalment mill-programmi tal-UE jew minn fondi pubbliċi oħra, inkluża l-HERA futura, jibqgħu fid-dominju pubbliku jew ikunu soġġetti għal ħruġ ta' liċenzji mhux esklussivi;*** |

Or. en

7.6.2021

B9-0306/2021 }
B9-0307/2021 }
B9-0309/2021 }
B9-0311/2021 } RC1/Am. 28

**Emenda 28**

**Marc Botenga, Kateřina Konečná, Manon Aubry, Marisa Matias, João Ferreira, Helmut Scholz**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE**

L-indirizzar tal-isfida globali tal-COVID-19: l-effetti tad-deroga mill-Ftehim TRIPS tad-WTO fuq il-vaċċini, it-trattament u t-tagħmir għall-COVID-19 u fuq iż-żieda fil-kapaċità ta' produzzjoni u ta' manifattura fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa H**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| H. billi ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw b'kapaċità ta' manifattura insuffiċjenti jew mingħajr kapaċità ta' manifattura għadhom qed jiffaċċjaw pressjoni politika sinifikanti u diffikultajiet legali li jipprevjenu l-użu tagħhom tal-flessibbiltajiet tal-Ftehim TRIPS, b'mod partikolari l-Artikolu 31(a) u l-proċess ikkumplikat u twil għall-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' prodotti farmaċewtiċi; | H. billi ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw b'kapaċità ta' manifattura insuffiċjenti jew mingħajr kapaċità ta' manifattura għadhom qed jiffaċċjaw pressjoni politika sinifikanti u diffikultajiet legali li jipprevjenu l-użu tagħhom tal-flessibbiltajiet tal-Ftehim TRIPS, b'mod partikolari l-Artikolu 31(a) u l-proċess ikkumplikat u twil għall-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' prodotti farmaċewtiċi; ***ifakkar fil-ħtieġa kritika kemm għas-saħħa globali kif ukoll għall-ktajjen tal-provvista globali li jiġu żviluppati kapaċitajiet lokali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari f'termini ta' riċerka, żvilupp u produzzjoni farmaċewtiċi, sabiex jitnaqqas id-distakk persistenti fir-riċerka u l-produzzjoni tal-mediċini permezz ta' sħubijiet għall-iżvilupp tal-prodotti u l-ħolqien ta' ċentri miftuħa ta' riċerka u produzzjoni;*** |

Or. en

**Emenda 29**
**Marc Botenga, Kateřina Konečná, Manon Aubry, Marisa Matias, João Ferreira**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE**
L-indirizzar tal-isfida globali tal-COVID-19: l-effetti tad-deroga mill-Ftehim TRIPS tad-WTO fuq il-vaċċini, it-trattament u t-tagħmir għall-COVID-19 u fuq iż-żieda fil-kapaċità ta' produzzjoni u ta' manifattura fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa I**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| I. billi ***l-protezzjonijiet*** tal-privattivi u ta' proprjetà intellettwali oħra ***jiżguraw salvagwardji għat-teħid ta' riskji intraprenditorjali, u qafas legali multilaterali tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (DPI) jipprovdi inċentivi li huma kritiċi għat-tħejjija kontra pandemiji futuri***; | I. billi ***d-drittijiet*** tal-privattivi u ta' proprjetà intellettwali oħra***, b'mod partikolari s-sigrieti tal-mestier, jistgħu jfixklu jew idewmu r-riċerka futura billi joħolqu silos tad-data; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi ekosistema tal-innovazzjoni stabbilita aħjar għall-użu tal-intelliġenza kollettiva biex taċċellera l-avvanzi; jenfasizza l-ħtieġa li tintuża intelligence kollettiva biex jiġu aċċellerati l-avvanzi, filwaqt li jsir użu usa' tax-xjenza miftuħa, il-pools ta' privattivi u l-ħruġ ta' liċenzji obbligatorji; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa miżuri li jiffavorixxu x-xjenza miftuħa sabiex taċċellera l-kondiviżjoni tad-data u tar-riżultati tar-riċerka fil-komunità xjentifika fl-Ewropa u lil hinn minnha***; |

Or. en

7.6.2021

B9-0306/2021 }
B9-0307/2021 }
B9-0309/2021 }
B9-0311/2021 } RC1/Am. 30

**Emenda 30**
**Manon Aubry, Marc Botenga, Kateřina Konečná, Dimitrios Papadimoulis, Marisa Matias, João Ferreira, Helmut Scholz**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE**
L-indirizzar tal-isfida globali tal-COVID-19: l-effetti tad-deroga mill-Ftehim TRIPS tad-WTO fuq il-vaċċini, it-trattament u t-tagħmir għall-COVID-19 u fuq iż-żieda fil-kapaċità ta' produzzjoni u ta' manifattura fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa Ia (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ia. billi matul pandemija u epidemija, id-dritt għas-saħħa għandu jipprevali fuq id-dritt għall-profitt, u l-privattivi ma jridux ikunu ostaklu għall-produzzjoni ta' vaċċini u mediċini biex isalvaw il-ħajjiet jew jintużaw biex isiru profitti u gwadanji addizzjonali;*** |

Or. en

**Emenda 31**
**Manon Aubry, Marc Botenga, Kateřina Konečná, Dimitrios Papadimoulis, Marisa Matias, João Ferreira, Helmut Scholz**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE**
L-indirizzar tal-isfida globali tal-COVID-19: l-effetti tad-deroga mill-Ftehim TRIPS tad-WTO fuq il-vaċċini, it-trattament u t-tagħmir għall-COVID-19 u fuq iż-żieda fil-kapaċità ta' produzzjoni u ta' manifattura fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa Ja (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ja. billi l-vaċċin tal-poljomjelite tqiegħed fis-swieq mingħajr privattiva u l-marda issa nqerdet minn ħafna reġjuni tad-dinja; billi l-Gvern tal-Afrika t'Isfel, immexxi minn Nelson Mandela, kien ġie sfurzat juża d-disponibbiltà tal-ħruġ ta' liċenzji obbligatorji biex jeżerċita pressjoni favur mediċini ekwivalenti ġeneriċi ta' kwalità u bi prezz raġonevoli ħalli jevita li jħallas prezzijiet eċċessivi lill-kumpaniji farmaċewtiċi multinazzjonali li jużaw privattivi għat-trattament tal-HIV;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

7.6.2021

B9-0306/2021 }
B9-0307/2021 }
B9-0309/2021 }
B9-0311/2021 } RC1/Am. 32

**Emenda 32**
**Manon Aubry, Marc Botenga, Kateřina Konečná, Dimitrios Papadimoulis, Marisa Matias, João Ferreira, Helmut Scholz**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE**
L-indirizzar tal-isfida globali tal-COVID-19: l-effetti tad-deroga mill-Ftehim TRIPS tad-WTO fuq il-vaċċini, it-trattament u t-tagħmir għall-COVID-19 u fuq iż-żieda fil-kapaċità ta' produzzjoni u ta' manifattura fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa Ma (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ma. billi minn Ottubru 2020, l-Indja u l-Afrika t'Isfel ippreżentaw uffiċjalment lid-WTO proposta għal deroga temporanja dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali għall-vaċċini, il-mediċini, it-tagħmir u d-dijanjostika għall-COVID-19; billi l-proposta rċeviet appoġġ minn madwar 100 pajjiż fid-WTO, kif ukoll minn għexieren ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, kif ukoll mill-Parlament;*** |

Or. en

7.6.2021

B9-0306/2021 }
B9-0307/2021 }
B9-0309/2021 }
B9-0311/2021 } RC1/Am. 33

**Emenda 33**
**Manon Aubry, Marc Botenga, Kateřina Konečná, Dimitrios Papadimoulis, Marisa Matias, João Ferreira, Helmut Scholz**
f'isem il-Grupp The Left
**Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE**
L-indirizzar tal-isfida globali tal-COVID-19: l-effetti tad-deroga mill-Ftehim TRIPS tad-WTO fuq il-vaċċini, it-trattament u t-tagħmir għall-COVID-19 u fuq iż-żieda fil-kapaċità ta' produzzjoni u ta' manifattura fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jesprimi t-tħassib kbir tiegħu dwar l-iżvilupp tal-pandemija, b'mod partikolari fil-pajjiżi bi dħul baxx u medju; ifakkar li l-pandemija tal-COVID-19 għadha ma spiċċatx u li jeħtieġ li jiġu żviluppati vaċċini ġodda biex jiġu miġġielda l-mutazzjonijiet; jissottolinja li l-komunità internazzjonali trid tagħmel dak kollu li hemm bżonn biex il-pandemija tal-COVID-19 tiġi kkontrollata u li ċirkostanzi eċċezzjonali jirrikjedu soluzzjonijiet eċċezzjonali; jisħaq, għalhekk, li huwa meħtieġ approċċ olistiku, li jipprijoritizza d-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-prodotti tas-saħħa relatati mal-COVID-19, iż-żieda fil-produzzjoni tal-vaċċini kontra l-COVID-19 u d-distribuzzjoni ġeografika globali tal-kapaċità tal-manifattura; | 1. Jesprimi t-tħassib kbir tiegħu dwar l-iżvilupp tal-pandemija, b'mod partikolari fil-pajjiżi bi dħul baxx u medju; ifakkar li l-pandemija tal-COVID-19 għadha ma spiċċatx u li jeħtieġ li jiġu żviluppati vaċċini ġodda biex jiġu miġġielda l-mutazzjonijiet; jissottolinja li l-komunità internazzjonali trid tagħmel dak kollu li hemm bżonn biex il-pandemija tal-COVID-19 tiġi kkontrollata u li ċirkostanzi eċċezzjonali jirrikjedu soluzzjonijiet eċċezzjonali; jisħaq, għalhekk, li huwa meħtieġ approċċ olistiku, li jipprijoritizza d-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-prodotti tas-saħħa relatati mal-COVID-19, iż-żieda fil-produzzjoni tal-vaċċini kontra l-COVID-19 u d-distribuzzjoni ġeografika globali tal-kapaċità tal-manifattura; ***ifakkar li l-vaċċini, il-mediċini, it-tagħmir u d-dijanjostika għall-ġlieda kontra l-pandemiji tal-COVID-19 iridu jitqiesu bħala ben komuni; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġaw fil-livelli kollha tad-WTO il-proposta għal deroga temporanja fuq id-*** |

***DPI għall-vaċċini, il-mediċini, id-dijanjostika u t-tagħmir għall-COVID-19, u jinvolvu ruħhom f'diskussjonijiet ibbażati fuq it-test mingħajr aktar dewmien; jisħaq li dan jippermetti li titneħħa l-inċertezza u jipprovdi l-libertà li wieħed jopera biex jippermetti l-kooperazzjoni, inkluża l-kondiviżjoni ta' teknoloġija, għarfien espert, data u riżorsi proprjetarji;***

Or. en